MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 5/2013

**Adrian Deguara**

**v.**

**Suprintendent tas-Sahha Pubblika**

Dan hu appell imressaq ai termini tal-Artikolu 102(6) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta) wara decizjoni mehuda mill-Bord ghas-Servizzi Generali fid-19 ta' Dicembru, 2012, li biha cahad appell peress li kkonsidra li l-appell kien tressaq fuori termine.

F'dan il-kaz jidher li hemm xi ftit ta' konfuzjoni peress illi l-Bord imsemmi cahad l-appell ghax qies li kien sar appell

minn decizjoni li kienet ittiehdet fil-15 ta' Gunju, 2011 (fi drabi ohra, jinghad li d-decizjoni ttiehdet fis-17 ta' Gunju, 2011), filwaqt li l-appellant jghid li hu ried jappella minn decizjoni li ha l-ispettur Sanitarju fil-15 ta' Novembru, 2012, u ghalhekk, ressaq l-appell fit-12 ta' Dicembru, 2012, u cioe`, fi zmien utili.

Li gara jidher li meta ttiehdet id-decizjoni tal-15 ta' Gunju, 2011, mill-Environment and Planning Commission (il-EPC) fi hdan l-Awtorita` Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (il-MEPA), id-decizjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni ghall-izvilupp ittiehdet fuq pjanti antiki li ma kienux gew approvati mis-sanita`. Minn din id-decizjoni sar appell biss ghal quddiem it-Tribunal tal-Appelli tal-MEPA, izda mhux quddiem il-Bord ghas-Servizzi Generali (il-GSB). Dan sar hekk peress illi, wara d-decizjoni, il-perit tal-appellant kien tkellem mal-ispettur Sanitarju, u wrieh il-pjanti l-godda li kien ipprezenta qabel id-decizjoni tal-EPC. Dan l-ufficjal irrikonoxxa li kien sar zball (allegatament, dan wiegeb li li gara kien li "din kienet wahda mill-applikazzjonijiet li nqabdu fir-riforma tal-MEPA"), u quddiem it-Tribunal tal-Appell ikkorega s-sottomissjoni tieghu, u b'"decizjoni" tal-15 ta' Novembru, 2012, ikkonkluda illi:
"*In view of minute 275, the internal yard as submitted on plan 21e is according to Sanita. The internal yard of penthouse on plan 178a has been amended therefore this also conforms with Sanita. Ragard St Vincent Street which according to the architect is 22ft wide the height of building exceeds the three times of the width of street. Therefore sixth, seventh and penthouse have to recede 1.5m on every floor from the said street*[1].

L-appellant ried jappella minn din l-ahhar decizjoni sa fejn tolqot ir-relattivita` tal-gholi tal-beni mal-wisgha tat-triq. Meta, pero`, ressaq l-ittra ta' appell, ma ndikax id-data tad-decizjoni li minnha ried jappella, u l-GSB haseb li kien qed isir appell mid-decizjoni ta' Gunju, 2011, u qies l-appell null ghax imressaq fuori termine.

[1] Decizjoni tal-15 ta' Novembru 2012 Dok D

Jidher, ghalhekk, illi anke b'nuqqas tal-appellant, il-GSB ta decizjoni li ma tolqotx il-meritu tal-appell kif propost. Fil-fatt, fl-udjenza tal-11 ta' Gunju, 2013, quddiem din il-Qorti, il-partijiet qablu li l-ahjar soluzzjoni f'dan il-kaz tkun li l-atti jintbaghtu lura lill-GSB sabiex tikkonsidra mill-gdid l-appell ta' Adrian Deguara. Din il-Qorti hekk sejra tipprovdi.

Din il-Qorti mhux qed tippronunzja ruhha fuq il-kwistjoni jekk il-minuta tal-ispettur Sanitarju tal-15 ta' Novembru, 2012, hijiex decizjoni jew le, u jekk jistax isir appell minn dak hemm registrat. Li qed tiddeciedi din il-Qorti hu biss li appell imressaq fit-12 ta' Dicembru, 2012, mill-perit tal-appellant, ghandu jitqies bhala appell mill-minuta/decizjoni li ttiehdet fil-15 ta' Novembru, 2012, u l-Bord ghandu jisma' u jqis l-appell a bazi ta' din il-kjarifika.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, u fid-dawl tal-qbil li waslu ghalih il-partijiet, tiddisponi mill-appell interpost minn Adrian Deguara billi tilqa' l-istess, thassar u tannulla d-decizjoni li ha l-Bord ghas-Servizzi Generali fid-19 ta' Dicembru, 2012, u tordna lil dan il-Bord iqis mill-gdid l-appell li ressaq Adrian Deguara permezz ta' ittra tat-12 ta' Dicembru, 2012, fid-dawl tal-kjarifika li saret aktar qabel f'din id-decizjoni.

L-ispejjez tal-proceduri quddiem din il-Qorti ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet, peress li saru nuqqasijiet ta' debita attenzjoni miz-zewg nahat fil-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------